**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Edward Bonnici**

Kumpilazzjoni Numru: 315/2013

**Illum 27 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edward Bonnici ta' 21 sena, bin Dominic u Maria Lourdes nee Vella, imwieled Pieta' fil-25 ta' April 1991, residenti fil-fond 250, Dommar, Vjal 21 ta' Settembru Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 224091M:

Talli nhar it-12 ta' Dicembru 2009, ghal habta tad-21:00hrs fi Triq Erba' Imwiezeb, San Pawl il-Bahar, waqt li kien fil-kontroll tal-vettura Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni KBB 133:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Barry Mitchell;
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Patricia Ann Mitchell;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tordna li Edward Bonnici jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal li lilha jidrilha xieraq.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- Fl-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 30(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat qieghed jigi akkuzat li fit-12 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tad-disa' ta' filghaxija f'San Pawl il-Bahar involontarjament ikkaguna l-mewt tal-konjugi Mitchell.

Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh fejn ir-roundabout tal-Erba' Imwiezeb, San Pawl il-Bahar. L-imputat kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Peugeot, Registrazzjoni Numru KBB 133[1]. Dak iz-zmien l-imputat kellu tmintax-il sena. Il-karozza l-ohra tal-ghamla Chevrolet, Registrazzjoni Numru PAM 123, kienet misjuqa minn Barry Mitchell.

Illi meta PS 419 Anton Buttigieg[2] mar fuq il-lok tal-incident wara li l-pulizija giet infurmata li kien sehh incident tat-traffiku sab li l-karozza misjuqa mill-imputat kienet mahbuta go sigra tal-palma li hemm fuq ir-roundabout, u sab lill-konjugi Mitchell li *"kienu*

[1] Il-vettura kienet registrata fuq isem Dominic Bonnici, missier l-imputat
[2] Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

*mwahhlin mas-seatbelts u maqbudin fit-tifrik, b'injuries kbar fuq wicchom".* Hekk kif waslet l-ambulanza, Patricia Ann Mitchell giet iccertifikata mejta. Zewgha kien batut hafna u ftit tal-hin li ttiehed l-isptar bl-ambulanza miet.

Mir-rapport tal-awtopsji jirrizulta li l-konjugi Mitchell mietu b'kawza tal-incident *de quo.*

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[3]

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid* ***Manzini****:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.*

*Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-****Artikolu 225 tal-Kap. 9,*** *u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-****artikolu 225 tal-Kap 9*** *jiddisponi s-segwenti:*

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"*

*Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-*

*1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;*
*2. kkaguna l-mewt ;*
*3. fuq persuna.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet* ***il-Pulizija vs Richard Grech*** *dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-*

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi*

*ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

*L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-*

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990**, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*
*1. la volontarieta dell'atto;*
*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*u*
*3 la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmex htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

*X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)*

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*
***(vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "*

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun*

*moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.*

*Issa meta qieset kollox, din il-Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt, u li fil-fehma taghha ghandha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni li qed tasal ghaliha stante c-cirkostanzi kollha migbura fil-process u partikolarment li kien hemm fattur ta' speed eccessiv li wassal biex sar l-incident in dezamina. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "* ***Il-pulizija vs AIC Mortimer"*** *(Kollez. Vol. XL .iv. p.1282) "Speed jista' jigi dedott minn brake marks", u fl-Appell Kriminali: "****Il-Pulizija vs R. Bugeja****" (30.6.1962) intqal ukoll li "Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza w mill-fatturi ambjentali tal-mument". Il-Qorti dahlet in funditus dwar din il-kwistjoni ta' speed proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-****Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju 1962*** *fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Anthony Portelli*** *fejn intqal li:*
*"Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi bizzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm n-nexus ta' kawza prossima w immedjata." [vide* ***Il-Pulziija v Manuel Schembri per Onor. Imh. W. Harding datata tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1949****].*

Mill-provi jirrizulta li l-imputat kellu mieghu tlett passiggieri fil-vettura – Claire Scerri, Ryan Vella u Kevin Aquilina. Minn dak li xehdu dawn it-tlett passiggiera jirrizulta li dakinhar huma kienu sejrin jaraw film tal-ghaxra ta' filghaxija. Billi meta ltqaghu kien ghad fadal hafna hin ghall-film iddecidew li jmorru jieklu xi haga min-Naxxar u marru jieklu fil-garaxx anness mar-residenza tal-imputat. Hadd minnhom, inkluz l-imputat, ma kienu kkunsmaw alkohol. Infatti l-*breathalyzer test* li sar fuq l-imputat irrizulta fin-negattiv. Huma imbaghad iddecidew li jmorru dawra bil-karozza.

Dakinhar it-triq kienet xotta waqt li t-temp kien car u l-visibiita' kienet tajba. Il-limitu tal-velocita' fit-triq inkwistjoni huwa ta' 80 kmfs.

Hekk kif ikkonstata l-Perit Richard Aquilina[4] fir-rapport tieghu il-Peugoet 407 l-ewwel tkaxkret mal-genb tal-kurduna, rikbet parti minnha u baqghet sejra fit-triq ta' madwar ir-roundabout fejn habtet max-Chevrolet Matiz PAM 123. Mal-habta inxtered

[4] Espert mahtur fl-inkjesta magisterjali

ammont ta' hgieg imfarrak fid-direzzjoni ta' Triq San Pawl, il-karozza Matiz intefghet ghal distanza gor-roundabout, filwaqt li l-Peugeot telghet fir-roundabout, daret nofs dawra fejn qalghet it-turf u spiccat b'wara mahbut u mdahhal gol-palma. Il-Perit ighid ukoll li gie nnotat li kien hem tixlif u tkissir tal-gemb tal-kurduna tar-roundabout u tahkik iswed mal-genb tal-kurduna tas-central strip.

Kif ikkonstata Dr Mario Buttigieg[5], fejn sehh l-incident il-wicc tat-triq hija inklinata 'l isfel. Fil-post fejn sehh l-incident u minn fejn kien ghaddej Edward Bonnici l-wicc tat-triq kien tajjeb. L-espert irrimarka li sewwieqa li jkunu ghaddejjin mill-by pass ta' San Pawl ghandhom id-dmir li jnaqsu l-velocita' sostanzjalment u dan peress li hemm tabella tal-*give way* u dan ifisser li jridu jaghtu prijorita' lil xi vetturi li jkunu ghaddejjin mir-roundabout. Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha ssottomettiet li r-rapport ta' dan l-espert ghandu jigi mwarrab u dan billi huwa ma kienx gie nnominat biex jaghmel il-konkluzjonijiet tieghu. Filwaqt li dan huwa minnu, f'kaz bhal dan ir-rapport ma jigix imwarrab izda se jigu mwarrba l-konkluzjonijiet raggunti minnu.

Il-Prosekuzzjoni ipproduciet ukoll bhala xhieda lil Wendy Brincat u Cheryl Brace. Dakinhar tal-incident Wendy Brincat[6] kienet qeghda ssuq fil-lane ta' gewwa fil-by pass tax-Xemxija flimkien mat-tfajla ta' binhali kienet passiggiera. F'punt minnhom giet minn warajha karozza b'tant velocita' li l-isteering iccaqlaq u din il-karozza kellha muzika qawwija. Hija nnutat fil-boghod li *"it was a tinted window all black at the back"*. Xehdet ukoll li *"I was nearly pushed off the bypass by this car, and I never forget the music and the roar of it and the way it shook my car. It was coming at such a speed…"*. Min-naha taghha Cheryl Brace[7] tixhed li mid-direzzjoni minn fejn kienu gejjin huma ghaddiet karozza ta' kulur skur bi speed qawwi hafna minn hdejhom. Hija ma kkonfermatx li din il-karozza kellha muzika gholja.

Inkwantu ghat-tlett passiggiera li kienu fil-karozza mal-imputat, Claire Scerri[8] kienet riekba fuq wara mal-gharus taghha u ma tantx kienet qeghda taghti kaz x'kien qieghed jigri izda tiftakar li

[5] Espert mahtur fl-inkjesta magisterjali
[6] Seduta tat-18 ta' Settembru 2013
[7] Seduta tat-13 ta' Dicembru 2013
[8] Seduta tal-15 ta' Frar, 2014

f'daqqa wahda habtu. Inkwantu ghall-velocita' tghid li dak iz-zmien ma kinitx ghadha ssuq izda tghid li filwaqt li ma kienux ghaddejjin bil-mod kienu ghaddejjin b'velocita' ta' 60/70 kmfs. Tixhed ukoll li qabel sehh l-impatt tiftakar li l-imputat qal li s-sound ma kienx qieghed jahdimlu u lmenta wkoll li ma kienx qieghed ihoss li l-brejkijiet kienu qeghdin izommu. Kevin Aquilina b'referenza ghall-velocita' xehed li baxxa ma kinitx, qawwija ma kinitx anqas u jahseb li kienu ghaddejjin vicin lis-speed-limit. Ryan Vella kien bilqeghda fuq quddiem. Fit-triq sema' lill-imputat ighid li l-brejkijiet ma tantx kienu qeghdin izommu u qabdu s-central strip u ma jafx x'gara ghaliex infethu l-airbags. Huwa ma kienx ra l-karozza li habtu maghha.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Bazikament jispjega kif iltaqa' ma' shabu u li huwa ma xorobx alkohol. Inkwantu ghar-radju jixhed li jista' jkun li qabel kien xeghelu imma dak il-hin tal-habta kien bil-hsara u kellu biss speakers ta' quddiem. Inkwantu ghall-incident jixhed li huwa u niezel it-triq lejn ir-roundabout *"mort biex inzomm il-brejk u qbadt is-central strip, ma zammx il-brejk. Qbadt is-central strip, infethu l-airbags"*.

Illi mir-rapport tal-espert Dr Mario Buttigieg jirrizulta li fuq il-post gie stabilit li l-vettura registrazzjoni numru KBB 133 halliet skid marks fuq il-wicc tal-bypass ta' San Pawl. Illi ntant irrizulta li dawn il-marki huma sinjali imsejha bhala *stration markings*. Illi dawn jindikaw li ghal xi raguni l-vettura KBB 133 bdiet miexja lagemba. Il-vettura numru KBB 133 habtet fis-centre strip u baqghet tiela' fuq il-hamrija li hem fl-istess centre strip. Gie kkonstatat li l-istrippa tal-bankina tal-istess centre strip kellha erba' daqqiet fuqha. Dawn l-istess marki bdew minn fejn spiccaw il-marki tat-tyres. Fuq l-istess kerb kien hemm ukoll sinjali ta' tyre marks li halliet il-vettura meta baqghet sejra ghal gol-hamrija. Gie stabilit ukoll li fuq il-hamrija kien hemm erba' (4) marki ohra. Dan kollu jindika li l-vettura baqghet ghaddejja lagemba. Mill-ezamijiet li ghamel l-espert tekniku ikkonkluda li l-imputat kien qieghed isuq b'velocita' ta' 137.6kfs. Fl-ahhar parti tat-triq hemm liewja. Minn kalkoli ohra li ghamel irrizultalu li jekk sewwieq ikun ghaddej b'velocita' ta' aktar minn 71 kfs, l-istess sewwieq jitlef il-kontroll tal-istess vettura u dan tenut kont li fl-ahhar parti hemm liewja.

L-espert mekkaniku Joseph Zammit irrapporta li l-hsara fuq quddiem tal-vettura misjuqa mill-imputat tidher ikkagunata b'daqqa soda ma' vettura ohra u bl-istess daqqa r-right corner bis-suspension u r-rota ddahlu lura u anke bl-istess impatt intlaqtet il-magna bis-subframe b'kollox. Il-bonnet lid (l-ghatu tal-magna) instab imtella' sa fuq il-windscreen li dan tkisser. Bl-istess effett tad-daqqa soda s-saqaf tbewwaq. Fuq wara tal-Peugeot tinsab tant hsara tant li kollox jinsab mghattan u mdahhal 'l gewwa gol-luggage booth compartment. L-airbags kollha ta' din il-vettura nstabu sparati 'l barra. Huwa rrimarka:

*"Peress li fil-kundizzjoni li kienet tinsab bil-hsara din il-vettura ma setghetx tigi ppruvata fit-triq, imma l-esponent ghamel ezamijiet teknici fuq is-sistema tal-brakes taghha liema sistema hydraulic kienet ghadha tinsab bil-pressjoni massima taghha. Meta l-esponent ipprova s-sistema billi gholla l-vettura fuq jack u gew ippruvati l-brakes permezz ta' dawrien bl-idejn, dawn l-erba' nstabu li l-brakes ghadhom jorbtu sewwa. Anke s-sistema tal-handbrake wkoll instabet li kienet ghadha tiffunzjona sewwa. Il-hydraulic fuel reservoir instab mimli bil-hydraulic fluid u ma kien hemm ebda leakages fuq din is-sistema".*

Illi mehud dan kollu in kunsiderazzjoni, il-Qorti tqis li ghall-incident *de quo* jahti l-imputat. L-impuatat f'dak iz-zmien tal-incident kellu tmintax-il sena u kwindi kien ghadu kemm gab il-licenzja tas-sewqan ftit xhur qabel. Huwa kien qieghed isuq karozza diesel magna 16 w allura karozza pjuttost kbira partikolarment meta misjuqa minn sewwieq ta' ftit jew kwazi esperjenza ta' xejn. Jirrizulta mill-atti li l-imputat kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva hekk kif kostatat minn Dr Buttigieg. Madankollu din il-Qorti mhix qeghda tiehu in kunsiderazzjoni biss dan. F'dan l-istadju tqis li ghandha tirrileva li mhux se tiehu in kunsiderazzjoni x-xhieda ta' Cheryl Brace u Wendy Brincat kemm inkwantu ghall-velocita' kif ukoll inkwantu ghall-muzika gholja. Dan billi z-zewg xhieda jsemmu 'a dark-colored car' meta l-karozza misjuqa mill-imputat hija pjuttost ta' kulur car u inkwantu ghall-muzika gholja ma jaqblux fix-xhieda taghhom. Izda l-velocita' hija evidenti mix-xhieda tal-istess imputat fejn l-ewwel jixhed li kien qieghed isuq bi 80 kmfs u imbaghad in kontro-ezami jixhed li ma jafx b'kemm kien ghaddej u dan ikompli jikkonvinci lill-Qorti li huwa kien qieghed isuq b'velocita' tali li ma kienx kapaci jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu.

Huwa evidenti wkoll li kien impatt qawwi hafna u dan mill-hsarat li garrbu z-zewg vetturi hekk kif evidenzjat aktar 'il fuq.

Illi d-dinamika tal-incident jirrizulta li kienet li l-vettura Peugeot 407 laqtet ic-centre strip wara li ma baqghetx aktar fil-kontroll tal-imputat minhabba l-velocita' eccessiva, qabdet is-centre strip u baqghet diehla frontalment fin-nofs tal-gemb tal-vettura Matiz li kienet qeghda ddur mar-roundabout, liema Matiz intefghet 'il fuq fuq ir-roundabout bl-impatt filwaqt li l-karozza misjuqa mill-imputat baqghet iddur mad-daqqa u telghet ir-roundabout hija u ddur u waqfet biss meta laqtet wahda mill-palm li hem fir-roundabout liema palma twaqqet bl-impatt. Billi l-passiggiera kienet riekba quddiem hija hadet id-daqqa bil-faccata ta' quddiem tal-vettura tal-imputat. Il-Qorti hija konxja tal-fatt li hawn si trattava tal-karozza ta' daqs kbir tal-imputat mentri l-karozza tal-konjugi Mitchell kienet ta' daqs zghir. Il-Qorti hija konxja wkoll tal-fatt li fl-ahhar parti tat-triq li minnha kien gej l-imputat hija ghan-nizla u kwindi l-*gradient* izid il-*momentum* madankollu dawn iz-zewg fatturi ma jiskolpawx lill-imputat. L-abbli difensur tal-imputat jissottometti li l-karozza tal-imputat kellha s-sistema tal-ABS li zviluppat hsarat qabel ma sehh l-impatt u din kienet il-kawza li l-imputat tile fil-kontroll tal-vettura bil-konsegwenza li habat mal-karozza tal-konjugi Mitchell.

Jirrizulta mill-provi, senjatament mir-rapport tal-espert Dr Butigieg, li l-karozza misjuqa mill-imputat halliet *stration markings* u l-istess espert irrimarka li l-vettura baqghet ghaddejja lagemba. Min-naha tieghu l-espert mekkaniku Joseph Zammit ikkonkluda fir-rapport tieghu:

*"Minn dawn l-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq dawn iz-zewg vetturi, l-aktar fuq il-Peugeot imsemmi, sabiex jistabilixxi l-kawza ta' dan l-incident, l-esponenti ma sab l-ebda hsara li setghet sehhet qabel l-incident li setghet ikkagunat dan l-incident u ghalhekk jiddikjara li dan l-incident ma sehhx minhabba xi hsara f'xi wahda minn dawn il-vetturi, l-aktar fil-peugeot involuta"*

L-istess espert Joseph Zammit waqt ix-xhieda tieghu *viva voce* gie mistoqsi jekk saqx il-vettura misjuqa mill-imputat huwa rrisponda fin-negattiv billi bil-hsara ma setghetx tinstaq. Huwa

ccekja s-sistema tal-ABS u xehed li l-pressjoni kienet ghadha hemm. Huwa spjega li s-sistema tal-ABS trid ticcekjaha u tittestjaha meta ssuq il-karozza izda kien hemm pressjoni fuq is-sistema. Mistoqsi jekk is-sistema tal-ABS ma tkux qeghda tiffunzjona x'jigri, l-espert jispjega li xorta jkun hemm brejkijiet imma ma tahdimx b'dik is-sistema tat-tkaxkir ossia tat-*traction.* Is-sistema tahdem xorta izda bis-sistema tal-ABS brejks ikun hem izjed efficjenza. Kwindi meta taghfas is-sistema tal-brejk u l-ABS system ma tkunx qeghda tahdem, il-vettura titkaxkar u thalli aktar l-impronta fuq it-triq. Biex twaqqaf il-karozza sewwieq jiehu aktar tul ta' zmien u l-karozza tiehu aktar distanza biex tieqaf minghajr is-sistema tal-ABS u dan tenut ukoll tal-ispeed li jkun involut. Mistoqsi mill-Qorti jekk aktar ma tkun ghaddej bi speed qawwi aktar ikun difficli ghall-persuna biex twaqqaf il-karozza l-espert irrisponda li l-karozza thalli izjed tkaxkir mentri l-ABS tigrippja mas-surface. L-ispeed xorta jista' jigi kalkolat meta titqies l-impronta mhollija.

Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, l-imputat xehed li meta ghafas il-brejk ma zammewx. Huwa ghafas il-brejk fin-nizla, l-ahhar bicca tat-triq qabel ma taqbad ir-roundabout. X'hin ma zammewx il-brejkijiet ippanikkja. Huwa jixhed testwalment: *"Pruvajt inaqqasilha, imma li tnaqqas bil-gearijiet imma xorta ma kienx hemm il-hin, imbaghad ifhimni tkun ghaddej eighty (80) u ghan-nizla kollox qed ighin biex jigri…".*

Huwa evidenti ghalhekk li l-imputat ma kellux il-kontroll shih tal-vettura tieghu. Il-kontroll tilfu billi l-imputat kien qieghed isuq b'velocita' elevata li pogga lilu nnifsu f'sitwazzjoni li fl-eventwalita' li tizviluppa xi hsara fil-karozza misjuqa (anke jekk f'dan il-kaz il-fatt li l-ABS system ma kinitx qeghda tiffunzjona sew ma fissirx li ma kellux brejkijiet) kien ferm difficli biex tikkontrollaha. Jirrizulta wkoll li l-imputat li ghal darb'ohra jinghad ma kienx qieghed isuq b'velocita' baxxa, beda jaghfas il-brejkijiet kif wasal fin-nizla u kwindi fl-ahhar bicca tat-triq u dan kien pjuttost tard meta fl-ahhar tat-triq hemm stop-sign u give-way. Jirrizulta wkoll li l-imputat lanqas engine-break ma pprova jaghmel. Ghalhekk l-imputat kien altru milli negligenti fis-sewqan tieghu.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta. Il-Qorti ma tridx tnaqqas mis-serjeta' ta' dan il-kaz fejn f'dan l-incident sfortunatament tilfu hajjithom zewg persuni. Min-naha l-ohra jirrizulta mill-provi li Edward Bonnici mhux talli ddispjacih talli ghamel zmien fejn wara l-incident ma bediex johrog mid-dar ghaliex din l-esperjenza affettwatu negattivament. Huwa evidenti ghalhekk li l-imputat fehem il-konsegwenzi tal-agir tieghu. Inoltre' rrizulta l-incident sehh proprju minhabba n-nuqqas ta' esperjenza fis-sewqan u kwindi n-nuqqas ta' hila. Fis-sentenza supra citata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** [9] intqal *"Din il-Qorti diga' espremiet ruhha f'diversi sentenzi taghha li l-hajja umana f'certi cirkostanzi, giet konsidrata bhala rhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero' li f'kull kaz, fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat t'incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz ivarja minn iehor, w altru negligenza ta' certu tip, u altru sewqan perikoluz u spavald. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu, pero' l-mertu li jkun m'ghandux ikun gustifikazzjoni ghal kazijiet fejn ikun hemm tirrizulta dik l-ispavalderija u nuqqas ta' responsabbilita estrema fis-sewqan. Kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghal uzu ta' hajja ahjar tac-cittadin, tista' wkoll tkun arma fatali f'idejn persuni li ma humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha."*

Mehud in kunsiderazzjoni dan kollu tqis li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva. Jigi nnutat ukoll li miz-zmien tal-incident gew introdotti emendi u l-piena inbidlet u fil-fatt giet aktar gravuza f'kaz ta' mewt ta' aktar minn persuna wahda. Ghalhekk billi ghandha tigi applikata l-piena li hija aktar favorevoli ghall-imputat se tigi applikata l-piena li kienet timponi l-ligi fiz-zmien tal-incident.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 u 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin millum.

[9] Sentenza supra citata

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' erbat elef mitejn u ghaxar euro u disgha u tmenin centezmu (€4,210.89)[10] rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-espert mahtur. Il-hati qieghed jinghata sena (1) zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili. L-ewwel pagament jibda jithallas mill-ahhar ta' Frar 2016. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Inoltre' tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan ta' Edward Bonnici ghal perjodu ta' sentejn (2) millum bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat

[10] Billi n-nomina tal-espert Dr Depasquale kienet wahda monka skont il-ligi billi nhatar sabiex jigbor ix-xhieda biss l-ispejjez tar-rapport tieghu gew eskluzi.